Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Mandat Numru. 789/2011/1

**Perla Hotels Limited**
**vs**
**Native Limited, Lifetime Limited, Hugo's Hotel Limited,**
**Hugo Chetcuti, Mary Rose Scerri, Peter Paul Vella**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-10 ta' Gunju 2011;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Gunju fejn laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat li saret fis-17 ta' Gunju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2011;

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi mmirata biex izzomm lill-intimati milli jdoqqu jew joperaw terzi biex idoqqu muzika, jew bi kwalsiasi apparat joperaw muzika jew ingenji ohra li joholqu vibrations u base qawwi f' 'Bar Native' u 'Bar Haze' liema zewg bars huma interkomunikanti, wara s-1.00a.m. Is-socjeta' rikorrenti tissottometti li jirrizulta li l-imsemmija bars huma licenzjati li jkollhom muzika amplifikata sas-1.00a.m. bil-fakolta li jifthu sal-4.00a.m. minghajr ma jkollhom muzika amplifikata. Pero dawn il-bars mhux josservaw l-kondizzjonijiet tal-licenzja wara s-1.00a.m. b'mod li qed jikkagunaw vibrations fil-hotel sovrastanti cioe Hotel Georgianis proprjeta tas-socjeta' rikorrenti u nonostante li saru diversi proceduri bil-Qorti mill-pulizija biex jiddesistu liema akkuzi gew ammessi xorta l-intimati baqghu jippersistu fl-agir taghhom.

L-intimati irrispondew preliminarjament illi Bar Native hu licenzjat lil Lifetime Limited li tiggestih u ghalhekk l-intimat Hugo's Hotel Limited, Hugo Chetcuti, Mary Rose Scerri u Peter Paul Vella ghandhom jigu liberati mill-osservanza f'din l-istanza. L-intimati ma jsemmu xejn dwar is-socjeta' intimata Native Limited u ghalhekk jidher prima facie illi l-

lanjanza ghandha tigi diretta lejn Native Limited u Lifetime Limited.

Fil-mertu l-intimati qed isostnu illi l-licenzja tkopri ukoll amplified music wara s-1.00a.m. li maghha pero hemm kondizzjonijiet marbuta. L-akkuzi li saret referenza ghalihom mir-rikorrenti qatt ma rrigwardaw vibrations jew inkonvenjenzi lil terzi.  Saret referenza ghall-Avviz Legali 1 tal-2006 li jirregolaw il-licenzji in kwistjoni fejn hi regolata l-uzu ta’ muzika amplifikata u r-rimedji disponibbli ghal ksur ta’ kondizzjonijiet tal-licenzja.  L-intimati jikkontendu li r-rikorrenti ma jistghux b’din il-procedura jillimitaw lill-intimati fid-drittijiet kweziti taghhom u r-rimedji disponibbli ghar-rikorrenti ghal kull ksur ta’ kondizzjoni ta’ licenzja hu ben delineat mill-ligi liema drittijiet ghandhom jigu vvantati quddiem l-awtorita kompetenti biex tiehu l-passi mehtiega jekk jirrizulta ksur u mhux jigu injorati u jintalab rimedju quddiem il-Qorti.

L-intimati ukoll sahqu li l-elementi rikjesti mill-ligi ghal hrug tal-mandat ma jirrizutawx senjatament l-element tan-necessita ghal preservazzjoni tad-dritt, u l-irrimedjabilita tal-hsara jekk ma jinharigx il-mandat.

Din il-Qorti tqis li in effetti il-kwistjoni hi wahda dwar molestja u buon vicinat.  Jirrizulta illi s-socjeta’ rikorrenti tiggestixxi hotel fic-centru ta’ Paceville li hu cirkondat minn kull parti bi stabbilimenti ta’ muzika, ikel u divertiment. Sottopost ghal dan il-hotel hemm zewg bars mertu tal-vertenza.  Dawn il-bars jew ahjar il-bar bl-isem ’Native’ li interkomunikanti mieghu  ghandu il-bar bl-isem ’Haze’  hu licenzjat li jdoqq muzika amplifikata li skond l-Avviz Legali 1/2006 ifisser li fil-lok fejn jinstab il-bar cioe Paceville jista jdoqq din il-muzika sas-1.00a.m. b’tali mod pero  li wara is-1.00a.m. sal-4.00a.m. (kif inhu awtorizzat bil-licenzja) din il-muzika ma tistax tinstema minn barra l-post fejn tkun tindaqq.  Inoltre skond il-licenzja din il-muzika amplifikata ma tistax tkun ta disturb lil girien jew il-pubbliku u ma tistax tindaqq ebda  muzika wara l-4.00a.m.

Is-socjeta’ rikorrenti ppresentat rapport dwar il-sound pollution maghmul minn Alfred Caruana datat 14 ta’ Mejju

2010 minn fejn irrizulta li kien hemm hsejjes li kienu tali li jiddisturbaw il-mistrieh pero l-konkluzjoni tal-espert kienet li ma setax jidentifika mnejn kien gej il-hoss billi fil-vicinanzi kien hemm diversi stabbilimenti idoqqu muzika tghajjat. Gew esibiti ukoll diversi fotokopji ta’ ittri jew e-mails ta’ residenti tal-istess hotel li lmentaw mill-hsejjes specjalment fi tmiem il-gimgha li ma halliex lir-residenti jistriehu bil-lejl. Gew esibiti ukoll sensiela twila ta’ rapporti lil pulizija li saru mill-impjegati tal-hotel minhabba l-hoss.

Ghalkemm il-Qorti tifhem u tapprezza li tezisti problema fl-inhawi ta’ Paceville fejn hemm diversi stabbilimenti ta divertiment u fl-istess hin maghquda maghhom hemm ukoll stabbilimenti ta’ soggorn bhal hotel in kwistjoni. Pero provi dwar molestja u buon vicinat ma jistghux isiru f’din l-istanza. Dak li jikkoncerna din l-istanza hi jekk tezistix in-necessita li jinhareg il-mandat biex jigi preservat id-dritt tar-rikorrenti u f’kaz affermattiv jekk hux ser ikun dannu irreversibbli jekk l-mandat jigi michud.

Mill-istess natura tal-ilment jidher illi hemm diversi toroq disponibbli ghas-socjeta rikorrenti jekk l-intimati mhux qed jottemperaw ruhhom skrupolozament mal-licenzja biex joperaw muzika sal-4.00a.m. fosthom dawk bil-pulizija u/jew direttament lill-awtorita li harget il-licenzja. Ma dawn ir-rimedji l-istess rikorrenti ghandhom ir-rimedji civili ghal-preservazjjoni tad-dritt taghhom kemm biex jigi assikurat li ma titkompliex il-molestja jekk qed issir kif ukoll li jittiehdu mizuri kontra min qed jaghmel id-disturb biex jitnehha u dan bla pregudizzju ghad-danni pekunjarji fl-istess proceduri civili ghal min bata t-telf li jista jippercepixxi minn min ghamillu l-hsara.
F’dan il-kaz il-Qorti tqis li l-provi lanqas waslu sal-element tan-necessita billi anki ir-rapport peritali ex parte ma hu konkludenti bizzejjed li juri li d-disturb gej specifikament mill-bar li kontrih qed isir l-ilment. Inoltre ghal kompletezza anqas ma gie ppruvat illi d-danni li l-istess hotel qed isofri minn ilmenti ta’ xi residenti ser iwassal ghal dak rikjest bhala irreversibbli li jfisser li huma tant ingenti li l-hotel ser ikollu jaghlaq.

Kif qalet din il-Qorti kif preseduta fil-mandat ta; inibizzjoni numru 1440/2010 deciza fit-30 ta Settembru 2010 fl-ismijiet **Thomas West et vs Charles Spiteri** li kien jitratta ukoll kwistjoni ta’ hoss

”Ir-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom possibiltajiet ta’ rimedji ohra minghajr ma jirrikorru ghal dawn il-proceduri ta’ natura straordinarja li jekk milqugha f’dan l-istadju bikri ikunu qed jiehdu dak mixtieq minnhom finalment minghajr ma jkun sar process esawrjenti tal-mertu in kwistjoni.

Il-Qorti trid thares lejn il-finalita tar-rimedju mitlub u mhux biss il-jedd vantat.”

Kull kaz irid jittiehed skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu pero f’dan il-kaz il-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw l-element ta’ necessita w irrimedjabilta necessarji biex jintlaqa’ il-mandat f’dan l-istadju.

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tirrevoka contrario imperio il-mandat provvizorju akkolt fil-10 ta’ Gunju 2011, qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------